

# Il-kwadru tal-Madonna tad-Duttrina fil-knisja ta' Santa Barbara fil-Belt Valletta

*Mario Fenech*

Il-Knisja ta' Santa Barbara li tinsab fil-Belt Valletta hija l-ewwel waħda li tiġi quddiemha fuq in-naħa tal-lemin tiegħek hekk kif tkun dieħel minn Bieb il-Belt fi Triq ir-Repubblika. Il-knisja nbniet fis-sena 1739 fuq pjanta tal-arkitett Ġużeppi Bonnici. Kienu ħallsu għaliha l-kavallieri tal-lingwa ta' Provenza u ġiet ikkonsagrata mill-Gran Prijur tal-Ordni Monsinjur Rull. Il-kwadru titulari tagħha huwa xogħol l-artist Antoine de Favray li sar fl-1747.



Fuq wieħed miż-żewġ artali tal-ġnub ta' din il-knisja hemm kwadru sabiħ tal-Madonna tad-Duttrina li huwa xogħol tal-artist Ġużeppi Calì. F'dan il-kwadru l-artist ħareġ xena mill-isbaħ mimlija serenità, qdusija u ħlewwa liema bħalha. Bilqiegħda fuq it-tron naraw lill-Madonna b'rasHa baxxuta, b'ħarsa ta' safa u ħniena qiegħda żżomm lill-Bambin Ġesù bilwieqfa fuq ħoġorHa. Filwaqt li dan qiegħed jilqa' b'idejh miftuħin lit-tfal għarkupptejhom fuq l-aħħar tarġa tat-tron.

Fil-ġenb fuq in-naħa tax-xellug tat-tila hemm Ġwanni l-Battista, tfajjel bilwieqfa b'ħaruf warajh juri b'idejH il-leminija din ix-xena tant sabiħa lil min qed iħares lejn dan il-kwadru. Fuq in-naħa ta' wara tat-tron li qiegħda fuqu l-Madonna hemm purtiera ta drapp ta' kulur ċar li minn mal-ġenb tagħha jidher ħiereġ ġilju abjad simbolu tas-safa tal-Madonna. Fil-panneġġi tal-libsa tal-Madonna fejn Calì pinġa l-mant ta' kulur ikħal jidher xebh kbir mal-panneġġi tal-mant li dan l-artist pinġa fil-kwadru titulari tal-knisja parrokkjali ta' Santa Marija tal-Qrendi li kien lestih fis-sena 1917.

Fatt interessanti f'dan il-kwadru li niltaqgħu miegħu f'ħafna xogħlijiet oħrajn ta' dan l-artist huwa dak tal-uċuh tat-tfal li jidhru f'din ix-xena. Dawn huma l-uċuh tat-tfal tiegħu. Calì kellu tmint itfal u spiss kien jużahom bħala mudelli fil-kwadri tiegħu. Dan il-kwadru Calì pinġieh fl-istess żmien li kien qiegħed jagħmel uħud mix-xogħlijiet kbar tiegħu għall-knisja ta' San Franġisk tal-patrijiet Franġiskani Konventwali li tinsab fuq in-naħa l-oħra tal-istess triq ftit passi 'l bogħod minn din il-knisja ta' Santa Barbara.

F'dan il-kwadru mill-isbaħ tal-Madonna tad-Duttrina, l-artist Ġużeppi Calì wera kemm kien kapaċi joħroġ messaġġi sbieħ permezz tax-xogħlijiet tiegħu.

Il-festa t-tajba lil Kulħadd!